MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 175/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Raymond Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rappresentanza ta’ M.V.L. (Valletta) Ltd u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta’ taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tlitt denunzji li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta’ Lulju, 2007 sal-31 ta’ Lulju, 2008 u dan bi ksur tal-artikoli 27 u 76(c) u 82(2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 27, 76(c) u 82 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu w ikkundannatu multa ta’ tmien mitt Euro (€800).
Il-Qorti bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 76 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998, ordnat lill-appellant sabiex fi zmien tlett xhur jikkonforma ruhu mal-Ligi w fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax il-Euro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta’ Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’:- Fl-ewwel lok, u preliminarjament ma jirrizultax li effettivament tezisti xi socjeta’ bl-isem M.V.L.(Valletta) Ltd. Ghalhekk hu nieqes l-element tal-identifikabilita’ tas-suggett li dwaru gie akkuzat l-appellant. Fil-fatt dis-socjeta’ ma tezistix. Fit-tieni lok l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni zbaljata ghall-artikoli tal-ligi li bihom gie akkuzat l-appellant fis-sens li l-artikolu 27 tal-Att XXIII ta’ l-1998 kjarament esigi li persuna ghandha *‘taghmel denunzja lill-Kummissarju ghal kull zmien ta’ taxxa sa mhux aktar tard mill-hmistax il-jum tat-tieni xahar li jigi wara x-xahar li matulu jintemm iz-zmien ta’ taxxa relattiv.’* Min-naha l-ohra, l-appellant qed jigi akkuzat li naqas li *‘jibghat’* id-denunzja u mhux li ‘*jaghmel’*. L-obbligu hu li taghmel u mhux li tibghat kif imsemmi fl-akkuza. F’ dal-kamp il-prosekuzzjoni kellha timxi mal-ligi w tipprova b’ mod lil hinn minn kull dubju li l-appellant fil-fatt ma ghamilx id-denunzja w dil-prova ma saritx. Ghalkemm is-subartikolu (3) tal-artikolu 27 isemmi ‘denuinzja *mibghta*

*minn persuna registrata',* l-obbligu fuq il-persuna registrata jemani mis-subartikolu (1) u hu obbligu li *'jaghmel'* u mhux li *'jibghat'*. L-istess l-artikolu 76(c) ta' l-istess Att juza l-istess dicitura fis-sens li jipprovdi li kull persuna li : *'tonqos milli taghmel denunzja ta' taxxa jew kull denunzja addizjonali…omissis.. tehel multa.'*

Semghet ix-xiehda ta' Paul Scicluna;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-kontestazzjoni f' dan il-kaz hija bazata fuq in-nuqqas tal-prova dwar l-ezistenza tas-socjeta' M.V.L. (Valletta) Limited u fuq l-uzu tal-kelma *'jibghat'* fic-citazzjoni minnflok il-kelma *'jaghmel'*.

Dwar l-ewwel aggravju jidher li kien hemm xi konfuzjoni dipartimentali meta gew esebiti d-dokumenti soliti mill-addett tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Paul Scicluna, billi minnflok l-***'application for registration form'*** tas-socjeta' M.V.L. (Valletta) Limited, giet esebita - ovvjament bi zball - *registration form* ta' MAL TRAVEL (VALLETTA) LIMITED a fol. 4 u 4 tergo tal-process. Din il-kumpanija ma ghandha x' taqsam xejn. Veru li xi hadd kiteb: *"Shop C, Ritz Shopping Arcade, Carts Street, Valletta"* magemb l-indirizz ta' MAL Travel (Valletta) Ltd li hu Airways House, High Street, Sliema. Pero' dan l-indirizz jidher li gie kancellat b' salib kbir ta' Sant' Andrija fuqu. Din ir-registration form tidher li ntliet u giet iffirmata minn certu Michael Borg Costanzi w l-appellant ma jissemma assolutament xejn fiha.

Umbaghad giet ukoll esebita minn Paul Scicluna *printout* - x' aktarx mehuda mill-*website* tal-Malta Financial Services Authority (MFSA) - li tindika d-dettalji ta' socjeta' kummercjali bl-isem M.V.L. (Valletta) Limited b' sede, cioe' *registered office* f' Shop C, Ritz Shopping Arcade, Strada Karri, Valletta, (fols. 5 sa 7 tal-process). Fost id-

dettalji hemm moghtija jidher li Raymond Borg, bil-karta tal-identita’ numru 214864M u residenti St. Mary, Cappadocia Street, Qormi hu wiehed miz-zewg diretturi w azzjonisti w li hu wkoll il-*company secretary* u li ghandu l-*judicial representation* tas-socjeta’.

Pero’, fejn is-soltu tali *printout* tal-*website* tal-MFSA tkun biss prova sekondarja ghall-kopja tal-*application for registration form* li tkun tindika lill-persuna akkuzata bhala l-persuna li tkun dahlet responsabbli mad-Dipartiment ghall-affarijiet tas-socjeta’, f’ dan il-kaz hija mankanti ghal kollox il-prova primarja ghax giet esebita bi zball kopja ta’ *registration form* ta’ socjeta’ differenti w inoltre l-prova ta’ dak li seta’ gie *‘downloaded’* mill-*website* tal-MFSA mhix l-ahjar prova ghaliex ma gietx konfermata bil-gurament bhala awtentika minn xi addett jew rapprezentant tal-Malta Financial Services Authority.

Ghalhekk, l-appellant ghandu ragun li jghid li *in criminalibus* ma saritx il-prova skond il-ligi li, jekk stess verament ma gewx maghmula r-returns tas-socjeta’ M.V.L. (Valletta) Limited, kien hu responsabbli ghal dan. Bir-rispett l-Ewwel Qorti ma setghetx tassumi l-awtenticita’ w l-korrettezza tad-dokument SP3 esebit a fols 5 sa 7 tal-process, specjalment meta jidher li kien hemm kontestazzjoni dwaru anki quddiem l-Ewwel Qorti.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant f’ dan is-sens u kif fuq spjegat jidher gustifikat u qed jigi milqugh.

In vista ta’ din il-konkluzzjoni ma jidhirx li hemm bzonn li din il-Qorti tidhol fi w tiddeciedi t-tieni aggravju tal-appellant fuq imsemmi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata b’ dan li l-appellant qed jigi liberat minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------